MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Numru 469/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**
**SPETTUR LOUISE VELLA**

**VS**

**FATIMA SHARFID**

**Illum 4 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fatima Sharfid ta’ 17-il-sena, bint Mohammed Sharfid u Rita Calleja, imwielda Libya fid-19 ta’ Settembru 1984, u residenti Blk B, Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara;

Talli fit-8 ta’ Awissu 2001, fil-Marsa, ghall-habta tad-9 ta’ filghaxija:

a) volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq vettura tal-Korp tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP 402, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara ma tiskorrix il-Lm500 imma hija izjed minn Lm50;

b) Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra WPS 24 Josephine Gauci u PC 797 George Cremona, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita’ Kompetenti;

c) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ingurjat jew heddied jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta’ WPS 24 Josephine Gauci u PC 797 George Cremona, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza’ jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

d) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, qalet fil-pubbliku, xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamlet atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor, offendiet il-morali, imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

e) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-Marsa, ghall-habta tad-9 ta’ filghaxija, tlajjat jew ghamlet

biex thajjar ghall-iskop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali;

Wara illi rat l-Artikoli 325(b), 96, 94(1), 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha mill-Prosekuzzjoni, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssibha hatja ta' kif akkuzata.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma' tikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

-------------------------------TMIEM-------------------------------